**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Gimgha 23 ta' Frar 2018**

**Rikors numru:- 13/2018**

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Christabelle Farrugia u Dr Jean Paul Grech bhala kuratur deputat mahtur b'digriet moghti nhar is-sittax ta' Novembru 2017 sabiex jirrapprezenta lill-assenti Michel Farrugia**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' APS Bank Limited fejn Marvic Gauci in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu:

1. illi Michel Farrugia u Christabelle Farrugia huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u sebgha u disghin elf erba' mija u erbghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€197,440.74) in kwantu s-somma ta' mija u sitta u sebghin elf sebgha mija u hdax-il Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€176,711.82) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero wiehed erbgha tmienja wiehed sebgha sebgha tmienja (20001481778) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS1] flimkien mas-somma ta' dsatax-il elf u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€19,040.62) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* numru tlieta tmienja wiehed tnejn tmienja tnejn wiehed zero zero wiehed hamsa (38128210015) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS2] flimkien mas-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u tmenin Ewro u tletin centezmu (€1,688.30) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Current Account'* numru tlieta tmienja wiehed tnejn tmienja tnejn wiehed zero zero tnejn sitta (38128210026) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS3]; u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija mill-ewwel (1) ta' Jannar 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' rikorrenti, l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi, inkluz bl-ittri legali datati l-erbatax (14) ta' Lulju 2016 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS4] u t-tnejn u ghoxrin (22) t'Awwissu 2016 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS5], b'ittra datata l-ewwel (1) t'Awwissu 2016 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS6] u b'ittra ufficjali datata d-disgha (9) t'Awwissu 2017 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS7], huma baqghu inadempjenti;

4. Illi s-socjeta' rikorrenti intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;

5. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

(1) Tiddikjara li l-intimati Michel Farrugia u Christabelle Farrugia huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u sebgha u disghin elf erba' mija u erbghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€197,440.74) in kwantu s-somma ta' mija u sitta u sebghin elf sebgha mija u hdax-il Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€176,711.82) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero wiehed erbgha tmienja wiehed sebgha sebgha tmienja (20001481778), flimkien mas-somma ta' dsatax-il elf u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€19,040.62) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* numru tlieta tmienja wiehed tnejn tmienja tnejn wiehed zero zero wiehed hamsa (38128210015), flimkien mas-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u tmenin Ewro u tletin centezmu (€1,688.30) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Current Account'* numru tlieta tmienja wiehed tnejn tmienja tnejn wiehed zero zero tnejn sitta (38128210026), u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija mill-ewwel (1) ta' Jannar 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

(2) Tikkundanna u tordna lill-intimati Michel Farrugia u Christabelle Farrugia jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u sebgha u disghin

elf erba' mija u erbghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€197,440.74), bl-imghax.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluz dawk tal-ittra legali datata l-erbatax (14) ta' Lulju 2016, l-ittra legali datata tnejn u ghoxrin (22) t'Awwissu 2016, l-ittra datata l-ewwel (1) t'Awwissu 2016, l-ittra ufficjali datata d-disgha (9) t'Awwissu 2017 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-digriet li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum 23 ta' Frar 2018 fid-9.15am.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-konsulenti legali tal-partijiet, ta' Dr. Chris Said ai termini tal-verbal tal-lum stess kif ukoll tal-kuratur deputat Dr. Jean Paul Grech.

Rat lli fl-istess verbal il-Bank rikorrenti ddikjara li f'kaz li tinghata sentenza llum il-bank ma jipprocedix bil-procedura ta' subbasta fir-rigward tal-fond mertu tal-facilita' qabel l-ahhar ta' Mejju, 2018.

Rat illi l-kawza giet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-sottomissjonijiet maghmula ghall-intimata ma rrizultaw l-ebda ragunijiet validi fil-ligi ghalfejn din il-Qorti ma ghandhiex tiprocedi ghad-decizjoni bid-dispensa tas-smiegh stante li kien hemm qbil li l-ammonti ndikati fir-rikors promotur huma dovuti mill-intimati u li l-pagamenti mensili dovuti lill-Bank ilhom snin li twaqqfu mill-intimati.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet susposti, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-Bank attur kif isegwi:

(1) Tilqa' t-talba tal-Bank attur sabiex tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-intimati Michel Farrugia u Chistabelle Farrugia huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma

komplessiva ta' mija u sebgha u disghin elf erba' mija u erbghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€197, 440.74) in kwantu s-somma ta' mija u sitta u sebghin elf seba' mija u hdax-il euro u tnejn u tmenin centezmu (€176,711.82) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-Loan Account numru tnejn zero zero zero wiehed erbgha tmienja wiehed sebgha sebgha tmienja (20001481778), flimkien mas-somma ta' dsatax-il elf u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€19,040.62) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-Interest Disposal Account numru tlieta tmienja wiehed tnejn tmeienja tnejn wiehed zero zero wieehed hamsa (38128210015), flimkien mas-somma ta' elf sitt mija u tmienja u tmenin Ewro u tletin centezmu (€1688.30) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-Current Account numruu tlieta tmienja wiehed tnejn tmienja tnejn wiehed zero zero tnejn sitta (38128210026) u dan oltre l-imghax bt-tmienja fil-mija mill-ewwel ta' Jannar 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

(3) Tilqa' t-tieni t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u sebgha u disghin elf erba' mija u erbghin ewero u erbgha u sebghin centezmu (€197,440.74) bl-imghax.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimati.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur